

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

24.9.2007

0081/2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Hanna Foltyn-Kubicka, Marcin Libicki u Czesław Siekierski

dwar il-futur tat-tarzna ta' Gdansk

Data ta' skadenza: 24.12.2007

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-futur tat-tarzna ta' Gdansk

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. wara li kkunsidra l-prinċipju fundamentali ta' l-UE dwar l-iżvilupp sostenibbli, li jfisser li għandu jkun żgurat it-tkabbir ekonomiku filwaqt li jiġi rispettati l-ambjent naturali, kif ukoll il-wirt kulturali Ewropew,
- B. wara li kkunsidra l-prinċipju bażiku ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-bżonn li jkun żgurat li jintlaħqu r-rekwiżiti tal-kompettività,
- C. billi t-tarzna ta' Gdansk, intrapriża li għadha timpjega eluf ta' ħaddiema, hija simbolu tal-waqgħa tal-komuniżmu fl-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, li tirrapreżenta l-bidu ta' direzzjoni ġdida għal ħafna pajjiżi fit-triq lejn integrazzjoni Ewropea sħiħa,
- D. billi, minħabba n-natura simbolika tagħha, it-tarzna ta' Gdansk hija parti importanti mill-istorja u l-kultura ta' l-Ewropa u xhieda ħajja tal-ġlieda tal-pajjiżi għal-libertà u għad-demokrazija, u għalhekk għandha tiġi trattata b'attenzjoni partikolari mill-Unjoni Ewropea,
 1. Jikkunsidra li l-kundizzjonijiet imposti fuq it-tarzna ta' Gdansk mill-Kummissjoni Ewropea - jiġifieri li għandha tnaqqas b'mod drastiku l-attivitajiet tagħha billi tagħlaq tnejn mit-tliet slipways li għandha jaħdmu jew inkella tħallas lura l-għajjnuna ta' l-Istat li rċeviet - iwasslu biex it-tarzna tfalli u tinqered totalment;
 2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-pożizzjoni tagħha immedjatament u biex tikkunsidra ċ-ċirkostanzi deskritti fil-bidu ta' din id-dikjarazzjoni;
 3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tadotta deċiżjoni li tiskuża l-għajjnuna pubblika mogħtija lit-tarzna ta' Gdansk, li permezz tagħha kienet qed terġa' tibda tagħmel profitt;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri.